# GĦALIEX L-ETERNITÀ GĦANDHA SSEGWI T-TIENI MIĠJA TA' KRISTU

Minn
George Ebejer

# GĦALIEX L-ETERNITÀ GĦANDHA SSEGWI T-TIENI MIĠJA TA' KRISTU

Forsi l-punt prinċipali ta' differenza fost l-istudenti tal-profezija huwa l-mistoqsija dwar il-ġrajja jew ġrajjiet li jiġu wara t-tieni miġja ta' Kristu. Il-mistoqsija fl-aktar forma sempliċi tagħha hija din: "Tkun l-eternità jew il-millenju li jakkumpanjaw ir-ritorn ta' Kristu?" Dawk li jżommu mal-veduta li l-eternità tiġi wara t-tieni ġrajja huma ġeneralment imsejħa amillennjalisti; dawk li jgħallmu li l-millenju għandu jiġi wara r-ritorn ta' Kristu huma normalment imsejħa bħala premillen-jalisti jew dispensazzjonalisti.

Aħna, bħala Kristjani fil-knisja ta' Kristu nemmnu lit-tieni miġja ta' Kristu *ġġib fit-tmiem jew tagħlaq l-istorja umana u tintroduċi l-eternità*. Jekk din il-veduta hija l-interpretazzjoni l-korretta tat-tagħrif Bibliku, allura loġikament jiġi wara li ebda żmien millenjali kif mgħallem mill-premillenjalisti u d-dispensazzjonalisti ma jiġi fl-eżistenza meta Ġesù Kristu jerġa' jiġi. Din il-mistoqsija vitali għandha tkun imwieġba fid-dawl ta' eżami bil-għaqal tat-tagħlim ta' l-Iskrittura. L-aw-torità oġġettiva tal-Kelma Infallibbli ta' Alla għandha ġġib fix-xejn kull veduta kuntrarja li aħna nistgħu nkunu wasalna għalija jew li nkunu writniha mingħand oħrajn.

Ir-raġunijiet li sejrin naraw li huma ppreżentati f'dan l-istudju għandhom juruna b'mod ċar ħafna li wara t-tieni miġja ta' Kristu tiġi l-eternità u mhux il-millenju.

# GĦALIEX L-ETERNITÀ GĦANDHA TIĠI WARA T-TIENI MIĠJA TA' KRISTU

Il-propożizzjonijiet li ġejjin mhumiex imqiegħda f'xi ordni neċessarja jew ta' importanza. Lanqas ma jista' jintqal li huma kollha konklussivi l-istess. Meħu-din flimkien, dawn jikkostitwixxu katina ta' xhieda li tammonta għal ċertezza assoluta. Dawn, wara kollox, huma kollha mill-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa.

## I. IT-TAGĦLIM BIBLIKU DWAR "L-AĦĦAR JIEM"

Dan it-tagħlim prinċipalment jirrelata għal żewġ passaġġi ta' Skrittura:

Atti 2:17,

> "*U jiġri fl-aħħar jiem, ighid Alla, li jiena nsawwab mill-Ispirtu tiegħi fuq kull bniedem, u jħabbru wliedkom, subjien u bniet, u ż-żgħażagħ tagħkom ja-raw dehriet, u x-xjuħ tagħkom joħolmu ħolmiet.*"

Lhud 1:1,

> "*Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa, f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu, li hu għamlu werriet ta' kollox, u li bih ukoll għamel il-ħolqien.*"

Il-punti li ġejjin jgħinu biex jiċċaraw dawn is-siltiet u siltiet oħra relatati:

A. Il-kelma "l-aħħar" (*eschatos*) tindika l-aħħar f'ser-je. Il-kelma Griega tindika dak li hu finali jew ta' l-aħħar jew fil-grad (Mattew 12:45; 27:64), spazju (Atti 1:8; 13:47), jew żmien (Ġwanni 6:39-40, 44, 54; 11:24; 1 Pietru 1:5).

B. F'Lhud 1:1 iż-żmien preżenti ta' l-Evanġelju min-għajr ebda żball huwa magħmul f'kuntrast mat-taqsima jew sistema tat-Testment il-Qadim. Il-per-jodu tat-Testment il-Ġdid huwa msejjaħ "l-aħħar jiem" (aktar letteralment, "fuq l-aħħar ta' dawn il-jiem." Atti 2:17 jittratta wkoll iż-żmien ta' l-Evan-ġelju bħala ndaqs jew l-istess ma' "l-aħħar jiem" tal-profezija ta' Ġoel (Ġoel 2:28-32). Pietru wisq definittivament jgħid li l-fenomenu ta' Pentekoste hu "dak li kien intqal" permezz tal-profeta Ġoel (Atti 2:16).

C. Iżda, xi premillenjalisti u dispensazzjonalisti, sa-biex jevitaw l-implikazzjonijiet tal-passaġġi muri-ja fuq, jagħmlu distinzjoni bejn "l-aħħar jiem" kif huma jirrelataw għal Iżrael u kif huma jirrelataw għall-Knisja. Hu affermat li l-profezija ta' Ġoel (Atti 2:28-32) realment tirreferi għall-barkiet mill-enjali ta' Iżrael, mhux għall-ġrajjiet ta' Pentekos-te (ħlief b'mod ta' dak li hu msejjaħ twettiq dopp-ju tal-profezija). Imma ma hemm ebda ġustifikaz-zjoni għal din id-distinzjoni. It-Testment il-Ġdid biċ-ċar juri li "l-aħħar jiem" tal-

profezija tat-Test-ment il-Qadim (eżempju, Isaija 2:2-4; Ġoel 2:28-32; Mikea 4:1-5) huma "l-jiem" taż-żmien preżen-ti ta' l-Evanġelju introdott minn Kristu.

D. Għalhekk, huwa loġikament xieraq ta' l-aċċettar tagħna li ż-żmien li beda f'Pentekoste u li jilħaq il-quċċata tiegħu fit-tieni miġja huwa *l-aħħar perjodu ta' l-istorja umana*. Aħna ma nistgħux nisten-new żmien ieħor wara t-tieni avvent; il-Bibbja ma taf ebda żmien bħal dan f'dak il-waqt. Iż-żmien ta' l-Evanġelju tal-grazzja definittivament iwettaq "l-aħħar jiem" tat-Testment il-Qadim.

## II. IT-TAGĦLIM BIBLIKU DWAR IŻ-ŻEWĠ ŻMINIJIET

Dan it-tagħlim huwa importanti ħafna f'li tiddeċiedi l-mistoqsija li għandna quddiemna. Id-dettalji jkunu mpoġġija 'l quddiem hekk:

A. It-Testment il-Ġdid jitkellem dwar "dan iż-żmien" u ż-żmien li għandu jiġi." Il-kuntrast jinsab fis-siltiet li ġejjin: Mattew 12:32; Mark 10:30; Luqa 20:34-37; Efesin 1:21. F'xi siltiet "dan iż-żmien" huwa rriferut għalih mingħajr ebda kuntrast speċifiku għaż-"żmien li ġej" (Luqa 16:8; Rumani 12:2; 1 Korintin 1:20; 2:6, 8; 3:18; 2 Korintin 4:4; 1 Timotju 6:17; 2 Timotju 4:10; Titu 2:12). Madan-kollu, f'dawn il-postijiet kollha l-perjodu ta' żmien mill-ħolqien sat-tieni avvent (miġja) bla ebda dub-ju huwa mfisser; u hemm kuntrast

implikat għaż-"żmien li ġej." Xi kultant espressjoni ekwivalenti "f'dan iż-żmien" hija wżata biex tindika l-kuntrast għaż-"żmien li ġej" (Mark 10:30; Luqa 18:30). Xi kultant "iż-żmien li ġej" huwa rriferut għalih assolutament (Efesin 2:7; Lhud 6:5; Rumani 8:18-25).

B. Li "ż-żmien li ġej" juri għal l-eternità (u mhux għall-mil-lenju) huwa ppruvat permezz tal-fatti li l-abitanti ta' dak iż-żmien huma: (1) dawk imqajmin mill-mewt (Luqa 20: 34-36; 1 Korintin 15:35-58; 1 Tessalonikin 4:13-18); (2) ma jistgħux jiżżewġu (Luqa 20:36; Ġwanni 5:24-29; 11: 25-26); (3) reċi-pjenti tal-ħajja eterna (Mattew 10:30; Luqa 18:30); (4) jibbenefikaw mill-barkiet eterni (Efesin 2:7).

C. Żewġ fatti huma ċerti: (1) "dan iż-żmien" juri l-istorja kollha umana; (2) "iż-żmien li ġej" jirrap-preżenta l-eternità. **Id-dnub li ma jinħafirx huwa mfisser bħala li hu "dnub etern" għaliex dan ma jistax jinħafer la "f'dan iż-żmien" laqnas "fiż-żmien li ġej"** (Mattew 12:31-32; Mark 3:29). Il-konklużjoni minn dawn il-fatti hija li *ma hemm ebda lok fil-pjan ta' Alla għal intervall ta' żmien imsejjaħ il-millenju bejn "dan iż-żmien" u "ż-żmien li ġej."* Għalhekk, il-veduta premillenjali u dik dispensazzjonali huma nieqsa mill-appoġġ Bibliku!

## III. IT-TAGĦLIM BIBLIKU DWAR "IT-TMIEM."

Dan it-tagħlim huwa ta' importanza kbira ħafna f'li naslu fil-verità dwar x'inhu t-tagħlim dwar x'se jiġi wara r-ritorn ta' Kristu. Id-dettalji li ġejjin għandhom ikunu nnutati:

A. Il-kelma "tmien" (*telos*) hija wżata fil-postijiet li ġejjin biex turi l-punt tat-tmiem ta' l-istorja umana: Mattew 24:6, 13-14; Mark 13:7, 13; Luqa 21:9; 1 Korintin 1:8; 15:24; Lhud 3:6, 14; 6:11; 1 Pietru 4:7. Il-kelma "it-tmiem," "temma" (*sunteleia*) hija wżata eskatoloġikament (li titkellem fuq il-mewt, it-tmiem, infern, smewwiet, eċċ.) fis-siltiet li ġej-jin: Mattew 13:39, 40; 24:3; 28:30; Lhud 9:26.

B. Tnejn mis-siltiet imsemmija fuq huma ta' min jinnotahom b'mod speċjali. Waħda minn dawn is-siltiet (Lhud 9:26) definitivament tgħid li l-ewwel avvent ta' Kristu kien "fit-tmiem taż-żminijiet"— li ċertament tgħallem li ż-żmien ta' l-Evanġelju tal-grazzja huwa *l-aħħar* żmien jew perjodu ta' l-istor-ja umana. Hawn naqraw hekk:

> "*Li kieku kien hekk, kien ikollu jbati ħafna drabi sa mill-ħolqien tad-dinja. Iżda issa deher darba għal dejjem, meta waslet il-milja taż-żminijiet, biex ineħ-ħi d-dnub bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu*"

Is-silta l-oħra hija 1 Korintin 15:23-24,

> "*Imma kulħadd skond kif imissu: jibda l-ewwel frott li hu Kristu; wara, dawk li huma ta' Kristu, f'jum il-miġja tie-*

*għu. Imbagħad, it-tmiem, meta Kristu jerħi s-saltna f'idejn Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u kull qawwa.*"

Ċertament li din is-silta tgħallem lit-tieni miġja ta' Kristu hija terminali ma' "it-tmiem" (telos).

Ċ. Il-Parabbola tas-sikrana (Mattew 13:36-43) tgħallem konklussivament li "*l-ħsad huwa t-tmiem tad-dinja (taż-żmien*)" (13:39). L-umanità *kollha* hija nkluża fid-diviżjoni magħ-mula fiż-żmien tal-ħsad. Il-Parabbola ma turi ebda ħsad ieħor wara dak li huwa muri hawn fil-punt terminali ta' l-istorja umana (Rivelazzjoni 14:14-20).

D. Il-konklużjoni li għaliha aħna miġjuba mill-fatti li rajna hi dik li t-tieni miġja ta' Kristu timmarka t-tmiem jew il-waqfien ta' l-istorja umana. Hija ħaġa li ma tistax tkun immaġinata li hemm "tmiem" (*telos*) "temma" (*sunteleia*) oħra wara t-tieni avvent. Għalhekk l-uniku "tmiem" u l-unika "temma" magħruf fil-Bibbja huwa dak li jispiċċa l-istorja umana fit-tieni miġja ta' Kristu. Konsegwentament ma hemm ebda post fit-tagħlim Bibliku għall-ved-uta li żmien millenjali għandu jsegwi t-tieni miġja ta' Kristu.

## VI. IT-TAGĦLIM BIBLIKU DWAR IL-FINALITÀ TAŻ ŻMIEN PREŻENTI TAL-GRAZZJA

Ma hemmx verità aktar evidenti fit-Testment il-Ġdid minn dik il-verità li tgħid lil l-umanità kollha li

Alla issa qiegħed jittratta mal-bnedmin kollha fl-aħħar wirja Tiegħu tal-grazzja f'dan iż-żmien preżenti. Il-punti li ġejjin għandhom jagħmlu din il-verità aktar ċara:

A. Iż-żmien tat-Testment il-Ġdid iwettaq il-profeziji taż-żmien tat-Testment il-Qadim. Dan huwa ovvju mill-ħafna kwotazzjonijiet tat-Testment il-Qadim misjuba fit-Testment il-Ġdid. Kristu wettaq dawn il-profeziji kompletament. Luqa jgħid hekk dwar dan:

> *"Qalilhom Ġesù: "Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kull ma qalu l-profeti! U ma kellux il-Messija jgħaddi minn dawn il-ħwejjeġ u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?" U beda minn Mosè u l-profeti kollha jfissrilhom kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu…Imbagħad qa-lilhom: "Meta kont għadni magħkom għedtilkom dawn il-kelmiet, 'Jeħtieġ li jseħħ* ***kull ma nkiteb fuqi*** *fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi. Imbagħad fetħilhom moħħom biex jifhmu l-Iskrittura. U qalilhom: "Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet, u li l-indiema għall-maħ-fra tad-dnubiet tixxandar f'Ismu lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalem. Int-om xhud ta' dan. U jiena, araw, nibgħat fuqkom lil dak li wiegħed Missieri. Imma intom ibqgħu*

*fil-belt, sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu*" (Luqa 24:25-27, 44-49, enfasi tiegħi).

Hawn naraw li Ġesù għallem lid-dixxipli Tiegħu u lilna li *dak kollu li kien miktub Dwaru fit-Testment il-Qadim kien imwettaq*. Hu ħa s-siltiet differenti li kienu jirreferu Għalih u wera kif dawn kienu mwettqa Fih; f'dan il-mod Ġesù "fetħilhom moħħom," biex b'hekk huma jkunu jistgħu jifhmu. Wieħed għandu jkun attent ħafna hawn meta jit-kellem mal-millenjalisti dwar din is-silta. Huma malajr ikunu pronti u jgħidulu li dak li twettaq huwa dak li ntqal dwar Kristu. Huma ħafna li sfor-tunatament jinqabdu b'din il-lixka mingħajr lanqas biss ma jirrealizzaw u jistaqsu: "Imma t-Testment il-Ġdid KOLLU dwar min hu? Mhux kollu dwar Kristu? Il-pedament ta' KOLLOX min Hu? (Ara 1 Korintin 3:11).

B. Iż-żmien tat-Testment il-Ġdid huwa l-perjodu eżatt ta' żmien antiċipat fit-Testment il-Qadim u li għa-lih il-qaddisin tat-Testment il-Qadim ittamaw:

"*Tassew, ngħidilkom, li bosta profeti u nies ġusti xtaqu jaraw dak li qegħdin taraw intom u ma rawhx, u jisimgħu dak li tisimgħu intom u ma semgħuhx!*" (Mattew 13:17).

"*Missierkom Abraham qabeż bil-ferħ għall-ħsieb li kien se jara l-jum tiegħi, u rah u feraħ*" (Ġwanni 8:56).

"*U l-profeti kollha, ibda minn Samwel u dawk li ġew warajh, ilkoll tkellmu u ħabbru dawk il-jiem*" (Atti 3:24).

"*Bil-għajnuna li kelli mingħand Alla jien bqajt sa dan il-jum nixhed liż-żgħar u lil kbar, u ma ngħidx ħaġa oħra ħlief dak li l-Profeti u Mosè qalu li kellu jsir, jiġifieri, li l-Messija kellu jbati u jkun l-ewwel wieħed li jqum mill-imwiet, u jħabbar id-dawl kemm lill-poplu ta' Iżrael u kemm lill-pagani.*" (Atti 26:22-23).

"*Waqt li tiksbu l-frott tal-fidi tagħkom, li hu s-salvazzjoni ta' ruħkom. Il-profeti, li ħabbru l-grazzja li kellha tingħata lilkom, stħarrġu u tkixxfu fuq din is-salvazzjoni; huma kienu jitkixxfu l-mod u f'liema żmien kien qiegħed jaħ-seb l-Ispirtu ta' Kristu, li kien fihom, meta kien jixhdilhom minn qabel it-tbatijiet ta' Kristu u l-glorja tiegħu li kellhom jiġu warajhom. Lilhom kien imgħarraf li mhux għalihom infushom, imma għalikom kien jiswa dak li huma kienu jħabbru, u li issa kien imxandar lilkom minn dawk li, bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu mibgħut mis-sema, qe-għdin jagħtukom l-Evanġelju. Dawn huma*

*ħwejjeġ li l-anġli stess jixtiequ jifhmuhom sewwa*" (1 Pietru 1:9-12).

L-uniku żmien li huma antiċipaw wara dan iż-żmien preżenti ta' grazzja *huwa l-istess żmien etern li għalih aħna wkoll nistennew*; l-art il-ġdida, il-Ġerusalem il-Ġdida. Naqraw hekk dwar dan:

> "*Għax hu kien iħares 'il quddiem, lejn il-belt mibnija fis-sod, li l-imgħallem u l-bennej tagħha huwa Alla….Imma issa huma jixtiequ pajjiż aħjar, jiġifieri,* ***dak tas-sema****. Huwa għalhekk li Alla ma jistmellx jissejjaħ Alla tagħhom, għax hejja belt għalihom*" (Lhud 11:10, 16, enfasi tiegħi).

> "*Imma intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon u lejn il-belt ta' Alla ħaj****, li hi Ġerusalem tas-sema****; ersaqtu lejn eluf ta' anġli f'ġemgħa ferrieħa*" (Lhud 12:22, enfasi tiegħi).

> "*Għax aħna hawnhekk ma għandniex belt li tibqa' għal dejjem, iżda qegħdin infittxu dik li għad trid tiġi*" (Lhud 13:14).

Minn dawn is-siltiet kollha jidher ċar li ma hemm ebda millenju **wara** t-tieni miġja ta' Kristu għaliex wara dan iż-żmien aħna nistennew dik il-belt li tibqa' għal dejjem, **fis-sema u mhux fuq l-art**! (ara Mattew 5:12; Filippin 3:20; 1 Pietru 1:3-4.)

Ċ. Iż-żmien tat-Testment il-Ġdid huwa *l-opportunità finali* għall-bniedem biex ikun salvat. Il-Kelma ta' Alla tgħid ċar ħafna li **issa** hu l-jum tas-salvazzjoni u mhux f'xi millenju:

> "*Għax hu jgħid: "Fiż-żmien it-tajjeb smajtek, f'jum is-salvazzjoni għentek." Araw,* ***issa hu*** *ż-żmien tajjeb,* ***issa hu jum*** *is-salvazzjoni!*" (2 Korintin 6:2; enfasi tiegħi).

Ma hemm ebda jum ieħor li wieħed jista' jsalva wara dan iż-żmien! *Issa hu ż-żmien li tkun salvat.* L-appostlu Pietru juri dan b'dan il-mod:

> "*Mhux li jiddawwar il-Mulej li jtemm il-wegħdiet tiegħu, kif jaħsbu xi wħud, imma qiegħed jistabar bikom għax ma jridx li xi ħadd jintilef, imma li kulħadd jersaq għal l-indiema,…Is-sabar li bih il-Mulej jeħodna qisuh bħala salvazz-joni tagħna….*" (2 Pietru 3:9, 15).

Jekk wara li l-Mulej jerġa' jiġi hemm il-millenju ċertament li dan il-kliem ta' Pietru ma fih ebda sens!

D. Iż-żmien tat-Testment il-Ġdid huwa ż-żmien tat-telfa deċisiva ta' Satana. Kristu ħabbar it-telfa ta' Satana parabboli-kament, meta qal,

> "*Ħadd ma jista' jidħol fid-dar ta' wie-ħed qawwi u jaħtaflu ġidu jekk qabel ma jkunx rabat lil dak il-qawwi; imba-*

> *għad id-dar jaħ-tafhielu żgur*" (Mark 3: 27).

Hu ħabbarha minn qabel meta qal,

> "*Iva, jien kont narah lix-Xitan jaqa' bħal berqa mis-sema*" (Luqa 10:18).

U Kristu ħabbar it-telfa ta' Satana b'mod drammatiku meta qal,

> "*Il-ġudizzju ta' din id-dinja qiegħed isir issa. Issa se jitkeċċa l-prinċep ta' din id-dinja….Il-ġudizzju, filli l-Prinċep ta' din id-dinja* ***huwa ġa ikkundannat***" (Ġwanni 12:31; 16:11; enfasi tiegħi).

Din it-telfa ta' Satana hija msemmija bħala raġuni maġġura għal l-inkarnazzjoni ta' Kristu. Naqraw f'Lhud 2:14-15,

> "*Billi l-ulied għandhom l-istess demm u ġisem, Ġesù wkoll bl-istess mod sar bħalhom biex b'mewtu jeqred is-setgħa ta' dak li kellu l-mewt f'idejh, jiġifieri, x-xitan, u jeħles 'il dawk kollha li, min-ħabba fil-biża' tal-mewt, kienu mjass-rin għal għomorhom kollu.*"

Ukoll naqraw fl-Ewwel Ġwanni 3:8,

> "*Iżda min jagħmel id-dnub ġej mix-xitan, għax ix-xitan dineb sa mill-bidu. Kien għal-hekk li deher l-Iben ta' Alla, biex iħott kull ma għamel ix-xitan.*"

Xi wħud għad għandhom l-idea żbaljata li Satana għad għandu s-setgħa *kollha* llum ukoll għalkemm dawk l-Iskritturi juru bl-aktar mod ċar li dan mhuwiex minnu. Bil-mewt tiegħu, tgħidilna l-Kelma ta' Alla, Ġesù "*qered is-setgħa* ta' dak li kellu l-mewt f'idejh." Temmnu dan int jew le?

E. Iż-żmien tat-Testment il-Ġdid huwa ż-żmien meta Kristu qiegħed isaltna mit-tron ta' David. It-tmexxija Tiegħu bħala Sultan fuq dan it-tron kienet imħabbra fit-twelid Tiegħu (Luqa 1:32-33). Hu ħa postu fuq dan it-tron meta qagħad fuq l-id il-leminija ta' Alla (Atti 2:29-36; Lhud 1:3; 8:1). Din il-ħakma medjatorjali ta' Kristu tkun mitmu-ma fit-tieni avvent. Naqraw fl-1 Korintin 15:23-28,

> "*Imma kulħadd skond kif imissu: jibda l-ewwel frott li hu Kristu; wara, dawk li huma ta' Kristu, f'jum il-miġja tiegħu. Imbagħad, it-tmiem, meta Kristu* ***jerħi s-saltna*** *f'idejn Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u kull qawwa. Għax jeħtieġ li hu jsaltan "sa ma jqiegħed l-għedewwa kollha taħt riġlejh." Fl-aħħar jinqered l-aħħar għadu: il-mewt; għaliex Alla "qiegħed kollox taħt riġlejh". Imma meta jgħid: "Tqiegħed kollox taħtu," jidher ċar li kollox minn barra Dak li qiegħed kollox taħt Alla. U meta kollox ikun imqiegħed taħtu,*

> *imbagħad l-Iben stess jitqiegħed taħt Alla li jkun qe-għidlu kollox taħtu, sabiex Alla jkun kollox f'kollox.*"

Imma kieku wara t-tieni miġja ta' Kristu tiġi saltna ta' elf sena fuq l-art, din is-silta għandha taqra hekk:

> "*Imma kulħadd skond kif imissu: jibda l-ewwel frott li hu Kristu; wara, dawk li huma ta' Kristu, f'jum il-miġja tiegħu. Imbagħad,* ***is-saltna ta' l-elf sena*** *(u mhux* ***it-tmiem*** *kif hemm miktub!) Meta Kristu* ***jieħu*** *(u mhux* ***jerħi****) s-saltna* ***mingħand*** *(u* ***mhux jerħi f'id-ejn****) Alla…*"

Dawk li jgħallmu li Kristu se jerġa' jiġi biex iwaqqaf saltna f'Iżrael għal elf sena qegħdin iġibu l-Kelma ta' Alla fix-xejn b'dak it-tagħlim! Kristu ġej, mhux biex **iwaqqaf** saltna imma biex **jagħti jew jerħi** s-saltna lil Alla. Jekk is-saltna, skond dak it-tagħlim falz għadha mhix imwaqqfa, **liema saltna** Kristu se jerħi lil Alla? Jew hemm saltna jew ma hemmx!

F. Iż-żmien tat-Testment il-Ġdid huwa ż-żmien meta l-ġisem kollu kemm hu tas-salvi jkunu miġbura flimkien f'ġisem wieħed, il-ġisem ta' Kristu, il-veru Iżrael ta' Alla (ara Mattew 8:11; Efesin 2:11-22; Lhud 11:39-40; Galatin 6:11-16).

G. Iż-żmien tat-Testment il-Ġdid huwa ż-żmien meta l-ħażen jilħaq il-quċċata finali tiegħu u meta l-

forzi ħżiena fl-aħħar ikunu megħluba. Dawn il-forzi ħżiena jkunu ħaġa waħda fl-antikrist ("antikrist" huma dawk kollha li jgħallmu tagħlim falz) li jqum qabel it-tieni miġja ta' Kristu u jkunu megħluba permezz tal-migja Tiegħu fil-glorja (2 Tessalo-nikin 1:5-10; 2:1-12; Rivelazzjoni 13:18).

Dawn il-fatti kollha ppreżentati fuq iwassluna għall-konklużjoni ovvja li ma hemm ebda ħtieġa ta' perjodu ieħor wara t-tieni miġja ta' Kristu biex ikompli xi pjanijiet jew skopijiet oħra ta' Alla. It-tieni miġja ta' Kristu ġġib fit-tmiem tagħhom l-iskopijiet u l-pjanijiet kollha li Alla kien qiegħed fil-Kelma Tiegħu bħala għanijiet li kellhom ikunu mwettqa fil-medda ta' l-istorja tal-bniedem. Ma hemm ebda lok għall-millenju fil-programm imħabbar ta' Alla.

Xi wħud jippruvaw jippreżentaw Rivelazzjoni 20:1-6 bħala prova li Kristu se jerġa' jsaltan fuq l-art għal elf sena. Imma dawn il-versi ma jgħidu xejn dwar dan.

It-tabella li sejrin naraw għandha tgħin biex tenfasizza li Rivelazzjoni 20 fih nieqes il-ħwejjeġ lit-teorija millen-jali teħtieġ.

## ĦWEJJEĠ MHUX IMSEMMIJA F'RIVELAZZJONI 20:1-6

1. **Dawn ma jsemmux *it-Tieni Miġja* ta' Kristu**
2. **Dawn ma jsemmux Qawmien *bil-Ġisem***
3. **Dawn ma jsemmux Ħakma Letterali ta' Kristu *fuq l-Art***
4. **Dawn ma jsemmux *Tron* Letterali *ta' David***

5. **Dawn ma jsemmux *Ġerusalem* jew *Palestina* letterali**
6. **Dawn ma jsemmux *Lilna***
7. **Dawn ma jsemmux lil Kristu *Fuq l-Art***
8. **Dawn ma jsemmux *Bini mill-Ġdid tat-Tempju Lhudi* jew is-*Salvazzjoni ta' Iżrael Kollu***
9. **Dawn ma jsemmux ir-*Rapiment tal-Knisja***

**Saħta Imħabbra Fuq kull min Iżid mal-Kliem ta' Dan il-Ktieb (Riv. 22:18-19).**

Din il-viżjoni tibda kif Ġwanni ra anġlu nieżel mis-sema. *Ma kienx Kristu nieżel, imma kien anġlu mibgħut isfel*. Dak kollu li ġara f'din il-viżjoni, kellu jingħaqad immed-jatament għal dak li kien ġara f'kapitlu 19:1-21.

a. Rivelazzjoni 20:1-6, mela, ma jsemmux it-tieni miġja ta' Kristu. Din mhix is-suġġett ta' dawn il-versi.
b. Dawn ma jsemmux qawmien bil-ġisem u dan mhuwiex is-suġġett tagħhom.
c. Dawn ma jsemmux ħakma fuq l-art—lanqas ma jsemmu "l-ħakma ta' Kristu"—u lanqas ma hija s-suġġett.
d. **Mhuwiex possibbli għal erwieħ li jgħixu u jsaltnu "ma' Kristu" mingħajr ma Kristu jkun fuq l-art?**
e. Barra minn dan, dawn ma jsemmux it-tron ta' David jew xi tron ieħor fuq l-art.
f. Lanqas ma jsemmu lil Ġerusalem jew il-Palestina.

g. U lanqas ma jsemmu lil Kristu fuq l-art.

2. Ġesù qal li Ġerusalem *muhwiex* il-post fejn in-nies għandhom jaduraw (Ġwanni 4:20-21) imma l-mill-enjalisti jridu li Ġerusalem tkun il-post!

3. Ġesù qal lis-saltna Tiegħu mhijiex ta' din id-dinja (Ġwanni 18:36), imma l-millenjalisti jridu li jagħm-luha hawn, fid-dinja, u jagħmluha ta' din id-dinja.

Tajjeb hawn li ngħid xi ħaġa dwar il-frażi "Ta' din id-dinja" jew "ta' dan iż-żmien." Hawn ukoll il-Millenjalisti jippruvaw jagħtu interpretazzjoni falza tal-frażi, "ta' din id-dinja" jew "ta' dan iż-żmien" billi jgħidu li din l-frażi tirreferi għas-saltna ta' l-elf sena. Imma għal darb'oħra l-Ispirtu s-Santu jinterpretahielna din il-frażi u juri kemm huwa falz dak it-tagħlim fejn naqraw **f'Mattew 12:31-32**:

> "*Għalhekk ngħidilkom: Kull dnub u dagħwa tinħafer lill-bnedmin; iżda d-dagħwa kontra l-Ispirtu s-Santu ma tin-ħafirx lill-bnedmin. U kull min igħid kelma kontra Bin il-bniedem, tinħafir-lu: iżda kull min igħid kontra l-Ispirtu s-Santu, ma tinla f'did-dinja* ***u lanqas fid-dinja li ġejja****.*"

U **f'Luqa 18:29-30**,

> "*U qalilhom: Tassew ngħidilkom: Ma hemm ħadd li ħalla d-dar, jew lill-ġeni-turi, jew lill-aħwa, jew lill-mara, jew lill-ulied, minħabba s-saltna ta' Alla, li*

*ma jieħux wisq iżjed f'dan iżmien, **u fiż-żmien li ġej il-ħajja ta' dejjem**.*"

Jista' xi ħadd jgħid lid-dnub kontra l-Ispirtu s-Santu ma jinħafirx fil-millennju? Jew li "lanqas fid-dinja (fiż-żmien) li ġejja" tirreferi għal Millennju? ċertament lid-dnub kontra l-Ispirtu s-Santu jinħafer sakemm il-bniedem jibqa' jgħix fuq l-art u l-uniku mod li bih dan id-dnub jista' jinħafer huwa **billi l-bniedem jaċċetta l-Evanġelju ta' Kristu**. Ukoll dwar dak li qal Ġesù f'Luqa 18:29-30, jiġifieri,

"*…f'dan iż-żmien u fiż-żmien li ġej il-ħajja ta' dejjem.*"

Ċertament li l-ħajja ta' dejjem mhix fuq l-art imma fis-smewwiet! L-Ispirtu s-Santu Nnifsu jgħidilna, permezz
ta' l-appostlu Pawlu,

"*Id-daqxejn ta' tbatija tagħna ta' issa thejjilna kobor ta' glorja bla qjies għal dejjem, lilna li ma nħarsux lejn il-ħwej-jeġ **li jidhru**, iżda lejn dawk **li ma jid-hrux**. Dawk **li jidhru** huma għal żmien qasir, dawk **li ma jidhrux huma għal dejjem**" (2 Korintin 4:17-18).*

"*Aħna nafu li jekk din it-tinda ta' l-għamara tagħna **fl-art** tiġġarraf, aħna għandna dar oħra, maħdmuma mhux bl-idejn, imma xogħol ta' Alla, **għal dejjem FIS-SEMA**. Aħna f'din*

*nitnie-ħdu, imxennqa li nilbsu fuq din l-għa-mara tal-ġisem l-għamara* ***l-oħra TAS-SEMA***" (2 Korintin 5:1-2).

U jkompli jgħidilna **f'Titu 1:2, u 3:7**:

> "*Bit-***tama** *tal-ħajja ta' dejjem. Alla li ma jigdibx, wegħedhielna sa minn qabel iż-żminijiet.*"
>
> "*Biex bis-saħħa tal-grazzja tiegħu nitqaddsu u nsiru werrieta tal-ħajja ta' dejjem skond* ***it-tama*** *li għandna.*"

U jekk xi ħadd għandu xi dubju dwar fejn hija **t-tama** tagħna, jekk hix fuq l-art jew fis-sema, l-Ispirtu s-Santu jgħidilna wkoll:

> "*Minħabba* ***fit-tama*** *li hemm tisten-niekom* ***FIS-SMEWWIET****, li intom smajtu biha meta tħabbritilkom l-ewwel darba l-kelma ta-verità ta' l-Evanġelju*" (Kolossin 1:5).

Imma l-Millenjalisti dan il-kliem ispirat ma jridux jafu bih! U dan għaliex imur direttament kontra t-teoriji tagħ-hom! U għalhekk, ħafna qegħdin ikunu mqarrqin b'kon-segwenza li jitilfu l-ħajja ta' dejjem li għadna kif qrajna dwarha.

Mela, jistgħu l-Millenjalisti jgħidu konsistentament li għalkemm Rivelazzjoni 20 ma jsemmi xejn mill-ħwejjeġ li semmejt, dan il-kapitlu jgħallimhom kollha?

**Imma huwa għalkollox possibbli u konsistenti għal dawn il-ħwejjeġ kollha msemmija li jeżistu mingħajr ma jkunu fuq l-art.**

Nistaqsi jien lil dawk li jaċċettaw it-tagħlim żbaljat tal-millenjalisti:

1. Qatt int ippruvajt, qabel ma aċċettajt dan it-tagħlim, issib fejn f'dawn il-versi minn Rivelazzjoni 20 tista' ssib imsemmija t-tieni Miġja ta' Kristu?
2. Qatt int ippruvajt issib fejn dawn il-versi jsemmu l-Qawmien bil-Ġisem?
3. Qatt int ippruvajt issib fejn dawn il-versi jsemmu l-Ħakma fuq l-Art ta' Kristu?
4. Qatt int ippruvajt issib qabel ma aċċettajt dik it-teorija falza fejn dawn il-versi jsemmu Ġerusalem jew il-Palestina?
5. U fuq kollox, qatt int ippruvajt issib fejn dawn il-versi jsemmu Lilna?
6. U wkoll qatt int ippruvajt issib fejn f'dawn il-versi nistgħu nsibu li Kristu se jsaltan FUQ l-art?
7. U qatt int għaddielek minn moħħok, qabel ma wasalt biex taċċetta dak it-tagħlim falz tal-profeti foloz moderni, l-istqarrija definittiva ta' Ġwanni, dwar *min kienu dawk li qagħdu bilqiegħeda fuq it-tronijiet*?

L-istqarrija definittiva hija li Ġwanni ra "*erwieħ*"; ma hemm imsemmi totalment xejn dwar "iġsma." **Li l-Ispirtu s-Santu, permezz ta' l-appostlu Ġwanni, għażel it-terminu "*erwieħ*" ċertament li mhuwiex aċ-ċidentali.** Dan ċertament jindika li l-qawmien f'din is-silta mhuwiex dak ta' l-iġsma. *Dan waħdu għandu jkun daqqa fatali għal l-idea li Ġesù se jiġi*

*personalment fil-bidu ta' l-elf sena u jsaltan fuq l-art għal elf sena letterali*!
Dan juri kemm l-Ispirtu s-Santu ried li jipprepara lill-Kristjani għal dan it-tagħlim falz li mhu ġej minn ħadd ħlief minn Satana biex iqarraq b'dawk li huma ta' Kristu! U fil-fatt qiegħed jirnexxilu jagħmel dan!

Jintqal li Rivelazzjoni 2:25-28 jirreferu għat-tieni mi-ġja ta' Kristu meta Hu jagħti lill-qaddisin "setgħa fuq il-ġnus" u mbagħad Hu "jsaltan fuqhom b'xettru tal-ħadid" —fil-millennju. Interpretazzjoni bħal din takkuża lil Ġesù Kristu li Hu qarraq lill-knisja f'Tijatira f'li jemmnu li Hu jiġi fil-ħajja tagħhom. Għandu jkun osservat li "l-miġja" ta' Kristu hija msemmija f'bosta sensi, f'postijiet oħra fit-Testment il-Ġdid, u f'Rivelazzjoni. Lil Efesu, Pergamu, Sardi u Laodikija, Kristu qal li Hu "jiġi." Hu "jiġi" fil-ġrajjiet imsemmija, ħwejjeġ imwiegħda jew im-hedda. Lil Tijatira Hu qal: 1. Biex iżommu tajjeb. 2. Biex jirbħu. 3. Biex iħarsu l-opri Tiegħu. Dawk kollha "sa ma niġi jien," juru li dan ma kienx jirreferi għat-tieni miġja Tiegħu. Barra minn dan, l-espressjonijiet f'versi 26-28 kienu indikattivi ta' ħwejjeġ li jiġru fil-perjodu tal-ħajja ta' Tijatira: 1. Setgħa fuq il-ġnus—l-influwenza ta' l-Evanġelju li jkisser il-qawwa tal-persekuzzjonijiet pagani u l-ġnus pagani. 2. Xettru tal-ħadid—l-influwenza irreżistibbli ta' Kristu fil-predikazzjoni u l-ħajja tal-Kris-tjani tal-bidu—kienet ta' eżempju wkoll fil-martirju. 3. Il-kewkba ta' fil-għodu—il-post eżaltat ta' dawk li jirb-ħu, maġenb Kristu, fl-imperu glorjuż Tiegħu—il-knisja.

Jintqal li Rivelazzjoni 3:21-22 jagħmlu distinzjoni bejn it-tron tal-Missier, li fuqu Kristu qiegħed issa, mal-Missier "fit-tron Tiegħu," u t-tron ta' Kristu Nnifsu li Hu għandu jokkupa meta jiġi, għalhekk "lir-rebbieħ nagħtih li joqgħod maġenbi fuq it-tron tiegħi." Imma s-saltna ta' Alla u s-saltna ta' Kristu u l-knisja huma *saltna waħda*, l-istess ħaġa. L-Ispirtu s-Santu jgħidu dan permezz ta' l-appostlu Pawlu biex ikisser u jġib fix-xejna dan it-tagħ-lim falz li l-awtur tiegħu ma huwa ħadd ħlief Satana:

> "*Għax dan kunu afu: li ebda żieni jew faħxi jew rgħib—li hu idolatra—ma jkollu wirt* ***fis-saltna ta' Kristu u ta' Alla***" (Efesin 5:5).

L-Ispirtu s-Santu hawn uża kliem sempliċi u ċar ħafna biex żgur ma jkun hemm ħadd li jipprova jagħti xi inter-pretazzjoni falza, u dan ċertament li qalu għaliex kien jaf liema tagħlim falz se jkun mgħallem. Hu ma qalx "fis-saltniet" u lanqas ma qal "fis-saltna ta' Kristu u fis-saltna ta' Alla" imma semma saltna waħda biss li hija ta' Kristu u ta' Alla! Minn dan wieħed jista' jara sa fejn jaslu l-profeti u l-għalliema foloz moderni biex iqarrqu bin-nies! U l-knisja ta' Alla u l-knisja ta' Kristu huma knisja waħ-da. Dan ukoll jgħidu l-Ispirtu s-Santu. (ara 1 Tessaloni-kin 1:1; 2:14). Għaliex, mela, mhux ukoll it-tron ta' Alla u t-tron ta' Kristu mhumiex tron wieħed? Għaliex mela, is-saltna ta' Kristu u s-Saltna ta' Alla mhumiex l-istess saltna waħda? Il-Kristjani jaqsmu fis-saltna ta' Kristu issa—Luqa 22:29;

u huma jaqsmu t-tron Tiegħu issa—Rivelazzjoni 3:21-22.

Qabbel Mattew 19:28 ma' Luqa 22:29. "Fir-riġener-azzjoni" Ġesù joqgħod fuq it-tron tal-glorja Tiegħu. Titu 3:5 jirreferi għall-"ħasil tat-twelid Ġdid." It-taqsima ta' l-Evanġelju hija r-riġenerazzjoni, it-taqsima tar-riġeneraz-zjoni u tat-twelid mill-ġdid, li permezz tiegħu aħna nku-nu "ħolqien ġdid." Mela issa aħna għandna "r-riġener-azzjoni," issa għandna "t-twelid mill-ġdid," u aħna issa "aħna ħolqien ġdid." F'li tiċħad li din it-taqsima hija r-riġenerazzjoni l-interpretazzjoni premillenjali tiċħad it-twelid mill-ġdid issa u b'hekk tiċħad lil l-Ispirtu s-Santu, tkun ħatja tad-dnub kontra l-Ispirtu s-Santu li ma jinħa-firx. Għalhekk aħna, bħala Kristjani m'għandna qatt naċ-ċettaw dan it-tagħlim falz b'ebda mod!

Kristu *issa* qiegħed fuq it-tron tal-glorja—Luqa 24:26 —u l-appostli qegħdin fuq tronijiet ta' awtorità issa, "tnax-il tron, jiġġudikaw lit-tnax il-tribù"—il-knisja koll-ha ta' Alla. Hija t-tron tal-glorja u t-tron ta' l-awtorità ris-pettivament—issa.

F'Mattew 19:28, Ġesù qal: "Intom li ġejtu warajja," tkunu mogħtija tronijiet. Imma f'Luqa 22:28: "intom li żammejtu sħiħ miegħi" tkunu mogħtija saltna (v. 29). Għalhekk, li jkollok "tronijiet" fir-riġenerazzjoni kien l-istess daqs li tkun "mogħti" (appuntat) saltna—issa. (ara wkoll 1 Pietru 2:9, "saċerdozju **rjali**" u Rivelazz-joni 1:9, "sieħeb tagħkom fit-taħbit u *fis-saltna,*" u Rivelazzjoni 5:10, "u għamilthom għal Alla tagħna saltna u qassisn u huma qegħdin isaltnu fuq l-art.")

F'din it-taqsima Kristu qiegħed fuq it-tron Tiegħu tal-glorja. Din testendi miż-żmien li Hu daħal fil-glorja Tiegħu (Luqa 24: 26) sa ma "jiġi fil-glorja Tiegħu" (Mattew 25:31). Kristjani li jirbħu "joqgħodu miegħu fit-tron tiegħu" l-istess kif huma jaqsmu t-tron Tiegħu fl-istess sens u għall-istess daqs, u huma jaqsmu l-glorja Tiegħu fl-istess grad—issa.

Dawn il-konsiderazjonijiet jeqirdu l-interpretazzjoni millennjali tat-tron tal-Missier u t-tron ta' l-Iben, dwar dak li għandu x'jaqsam dwar distinzjoni u differenza bejniethom, u jirrifjutaw l-interpretazzjonijiet żbaljati tagħhom ta' Rivelazzjoni 2:25-28 u 3:21-22.

Għalhekk it-twissijiet:

> "*Tħallu li ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisim-għux*" (Efesin 5:6).

U,

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofiji u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmim; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu*" (Kolossin 2:8).

> "*Lil Alla li għandu l-qawwa li jwettaqkom fl-Evanġelju li nħabbar jien, jien u nxandar lil Ġesù Kristu, skond ir-rivelazzjoni tal-misteru li kien moħbi fis-skiet ta' l-eternità; Lil dan Alla li issa irrivelalna dan il-misteru, u*

*għarrfu lill-ġnus bil-kitba tal-profeti, skond l-ordni tiegħu, Alla ta' dejjem, biex iwa-ssalhom għall-ubbidjenza tal-fidi; Lil dan Alla, waħdu fil-għerf, il-glorja għal dejjem ta' dejjem b'Ġesù Kristu Sidna. Amen.*" (Rumani 16:25-27).

## V. IT-TAGĦLIM BIBLIKU DWAR IL-QIRDA TAD-DINJA PREŻENTI

Il-passaġġ bażiku hawn huwa t-Tieni Pietru kapitlu tlieta. Passaġġi oħra fejn din il-qirda hija msemmija jinkludu: Mattew 5:18; 24:35; Luqa 21:33; 2 Tessa-lonikin 1:7-8; Lhud 1:11-12. It-Tieni Pietru, kapitlu tlieta huwa ta' importanza fundamentali fl-istudju ta-għna ta' l-eskatoloġija (din il-kelma tfisser l-istudju ta' l-aħħar ħwejjeġ, il-mewt, l-infern, is-smewwiet, eċċ.). Dan il-passaġġ ta' Skrittura kompletament iwarrab il-veduta żbaljata li millenju għandu jsegwi t-tieni av-vent. Ħalli nħarsu b'aktar dettall f'dan il-passaġġ.

A. Pietru jwieġeb it-talba ta' dawk li riedu jiżżuff-jetaw illi t-tieni miġja qatt ma ssir (versi 3-4) billi juri għar-realtajiet li ġejjin: (1) Il-qirda tad-dinja ta' qabel ta' Alla fiż-żmien ta' Noè (versi 5-7); (2) L-istqarrija ta' Alla dwar iż-żmien (vers 8); (3) L-iskop ta' Alla li jittardja l-ġudizzju Tiegħu (vers 9); (4) Il-ġudizzju finali u deċissiv ta' Alla fil-qirda tad-dinja preżenti (versi 10-12); (5) L-iskop ta' Alla biex iwaqqaf "smewwiet ġodda u art

ġdida fejn fihom tgħammar il-ġustizzja" wara l-qirda Tiegħu tad-dinja preżenti (vers 13).

B. Huwa ovvja ħafna li Pietru qiegħed jagħti tifsira konċiża u sempliċi tal-ħwejjeġ li għandhom jiġu fil-kapitlu tiegħu ta' l-għeluq. Huwa wkoll evidenti ħafna li ma hemm ebda lok ta' xejn għal żmien ta' millenju xi mkien f'din it-tifsira. Pietru ma jsem-mix żmien bħal dan qabel il-qirda finali; u huwa ċert li "d-dinja l-ġdida li fiha tgħammar il-ġustizz-ja" (vers 13), ma tirreferix għaż-żmien tal-mil-lenju. Fil-fatt, jista' jkun aċċertat pożittivament li l-eskatoloġija ta' Pietru assolutament teskludi mil-lenju qabel jew wara l-qirda tad-dinja preżenti. Jekk għandu jkun hemm millenju wara t-tieni avvent, allura l-eskatoloġija ta' Pietru teħtieġ xi re-viżjoni serja, għaliex Pietru ma kien jaf xejn dwar millenju wara t-tieni avvent.

## VI. IT-TAGĦLIM BIBLIKU DWAR IT-TAMA TAL-KRISTJAN

Dan huwa aspett importanti tas-suġġett li aħna qe-għdin nittrattaw dwaru. Huwa wieħed li jeħtieġ enfasi mill-ġdid. Il-punti li ġejjin għandhom iġibu quddiemna din it-tama aktar ċara.

A. Fit-Tieni Pietru 3:13 aħna mogħtija struzzjoni biex "*nistennew smewwiet ġodda u art ġdida, li fihom tgħammar il-ġustizzja.*" Il-verb "nistennew" (*pros-dokao*) jinsab tliet darbiet fit-Tieni Pietru 3 (versi 12, 13, 14). Dan il-verb jindika stennija jew tama kbira. Dan huwa wżat ukoll għal dawk li kienu qegħdin jistennew il-wasla ta' Kristu fit-

twelid Tiegħu u wara (Mattew 11:3; Luqa 3:15; 7:19-20). Huwa wżat ukoll dwar dawk jistennew għat-tieni avvent ta' Kristu (Mattew 24:50; 2 Pietru 3:12, 13, 14).

B. L-antiċipazzjoni ndikata bil-kelma "nistennew" fit-Tieni Pietru 3:13 tikkorrespondi għal dak li l-patrijarki ħarsu 'l quddiem "*lejn il-belt mibnija fis-sod, li l-imgħallem u l-bennej tagħha huwa Alla*" (Lhud 11:10). Jintqal li dawn in-nies antiki ta' fidi u ta' dehen "*jixtiequ pajjiż aħjar, jiġifieri, dak tas-sema; huwa għalhekk li Alla ma jistmellx jis-sejjaħ Alla tagħhom, għax hu hejja belt għalihom*" (Lhud 11:16). Ħadd ma jista' possibbilment iż-omm li Abraham u d-dixxendenti spiritwali tiegħu kienu qegħdin jistennew li Alla jberikom *b'saltna ta' l-art* fejn jgħammar id-dnub. Alla wiegħed lil-hom xi ħaġa bil-wisq aħjar—*pajjiż tas-sema*, il-Ġerusalem il-Ġdida. U din it-tama tal-patrijarki tas-sistema tat-Testment il-Qadim għadha t-tama tagħna fiż-żmien jew fis-sistema tal-grazzja tat-Testment il-Ġdid.

> "*Imma intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon u lejn il-belt ta' Alla l-ħaj, li hi Ġerusalem* ***tas-sema****; ta' l-ulied ew-lenin li isimhom hu miktub* ***fis-sema****; lejn Alla l-imħallef ta' kulħadd; lejn l-erwieħ ta' nies tajba u perfetti….Għax aħna hawnhekk ma għandniex belt li tibqa' għal dejjem, iżda qegħdin in-*

*fittxu dik li għad trid tiġi*" (Lhud 12:22-23; 13:14).

Ċ. L-antiċipazzjoni mpoġġija 'l quddiem fit-Tieni Pietru 3:13 u f'Lhud 11:10, 16 tikkorrispondi wkoll għal "l-istennija bil-ħerqa" mfissra f'Rumani 8:18-25. Il-verb "jistennew" (*apekdechomai*) huwa wżat tliet darbiet f'dan il-passaġġ (versi 19, 23, 25). Dan il-verb jesprimi l-istennija tal-ħolqien u ta' l-emmiena għat-twelid ġdid tal-ħolqien fit-tieni avvent ta' Kristu. L-istess verb huwa wżat biex iġib 'il quddiem l-istennija ta' l-emmieni għas-Sal-vatur tiegħu. Naqraw hekk dwar dan:

> "*Imma aħna pajżani tas-sema; minn hemm bil-ħerqa nistennewh jiġi, is-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu*" (Filippin 3:20).
>
> "*Hekk ukoll Kristu, wara li offra lilu nnifsu darba biss biex jitgħabba bid-dnubiet ta' kulħadd, għad jerġa' jidher darb'oħra, mhux biex ineħħi d-dnubiet, imma biex isalva lil dawk li qegħdin jistennewh bil-ħerqa*" (Lhud 9:28).

Għalhekk jista' jintqal li l-ħolqien kollu jissieħeb f'antiċipazzjoni ta' dik il-ħelsa finali li tiġi fit-tieni avvent ta' Kristu. Kristu mhuwiex ġej biex iwaq-qaf saltna għal elf sena fuq l-art, f'Iżrael, imma ġej *biex isalva* lil dawk kollha li qegħdin jistennewh bil-ħerqa.

D. Il-passaġġi msemmija fuq jistgħu jkunu miġbura fil-qosor fl-istqarrija, murija negattivament, li *mkien* fil-Bibbja ma l-emmieni huwa mġiegħel biex iħares 'il quddiem għat-twaqqif ta' saltna millenjali fuq din id-dinja preżenti. Il-qaddisin tat-Testment il-Qadim, kif rajna fuq, ċertament ma antiċipawx ħolma bħal din, lanqas ma kienu jaħ-sbu differenti minnhom il-qaddisin tat-Testment il-Ġdid dwar it-tama tagħhom. Aħna nħarsu għal "art ġdida fejn tgħammar il-ġustizzja." U din "l-art ġdida" tista' tkun *biss "il-pajjiż tas-sema*" li Abra-ham ħares 'il quddiem għalih (Lhud 11:10, 16). Impoġġija f'mod pożittiv, it-tama tagħna hija "l-belt li tibqa' għal dejjem li għad trid tiġi" (Lhud 13:14). L-appostlu Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu jgħid hekk:

> "*Għax iċ-ċittadinanza tagħna hi* ***fis-sema****; minn hemm ukoll aħna nistennew is-Salvatur, lil sidna Ġesù Kristu*" (Fil-ippin 3:20).

> "*Imbierek ikun Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li bil-ħniena kbira tiegħu raġa' wilidna għal tama ħajja bil-qaw-ma ta' Ġesù Kristu minn bejn l-imwiet, Għal wirt li ma jitħassarx, ma jittebbax, u ma jgħibx, merfugħ* ***fis-sema*** *għali-kom*" (1 Pietru 1:3-4; enfasi tiegħi).

Mela,

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu*" (Kolossin 2:8).

## FEJN SE TGĦADDI L-ETERNITÀ

Hemm biss żewġ postijiet li fihom persuna tista' tmur, is-Smewwiet (il-Ġenna) u l-Infern.

1. Ilkoll kemm aħna rridu li mmorru fis-Smewwiet.
   a. U nistgħu jekk aħna lesti li nżommu l-kmandamenti ta' Alla. Ġwanni jgħidilna:

      > "*Hienja dawk li jaħslu lbieshom, sabiex ikollhom is-setgħa fuq is-siġra tal-ħajja u jidħlu fil-belt mill-bibien*" (Riv. 22:14).

2. Aħna għandna l-Bibbja.
   a. Il-Bibbja hija l-Kelma ta' Alla (2 Timotju 3:16-17; 1 Tessalonikin 2:13).
   b. Il-Bibbja tgħidilna kif immorru fis-Smewwiet.
   c. Alla jħobbna u bagħat lil Ibnu f'din id-dinja biex ikollna l-ħajja ta' dejjem. (Ġwanni 3:16).
   d. Alla ma jrid lil ħadd li jintilef, "*imma li kulħadd jersaq għal l-indiema*" (2 Pietru 3:9).
3. Kristu Hu s-Salvatur tagħna u permezz Tiegħu n-nies kollha jistgħu jsalvaw.
   a. L-appostlu Pawlu jgħid,

      > "*Dan hu tajjeb u jogħġob lil Alla s-Salvatur tagħna, li jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħarfu l-verità.*

*Għax wieħed hu Alla, u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, il-bniedem Kristu Ġesù*" (1 Timotju 2:3-4).

b. L-Iskrittura tgħidilna li Kristu ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin. Naqraw fl-1 Timotju 1:15,

   "*Din hija kelma ta' min jemminha u jilqagħha għal kollox: li Kristu Ġesù ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin; u fosthom, lili l-ewwel wieħed.*"

c. Kulħadd jista' jsalva. Mhux kustjoni ta' kemm inti midneb kbir.
d. L-appostlu Pawlu qal li hu kien "*l-ewwel wieħed*" fost il-midinbin (1 Timotju 1:15).
e. Ġesù Kristu biss jista' jsalva. F'Atti 4:10-12 naqraw dwar id-difiża ta' Pietru u Ġwanni quddiem is-Sanhedrin fejn qalu:

   "*Mela kunu afu intom ilkoll, u l-poplu kollu ta' Israel: jekk dan ir-raġel hu hawn quddiemkom qawwi u sħiħ, dan ġara bis-saħħa ta' l-isem ta' Ġesù Kristu ta' Nażaret, li intom sallabtuh u Alla qajmu mill-imwiet. Din hi l-ġebla li intom, il-bennejja, warrabtu u li saret il-ġebla tax-xewka.* ***F'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni****, għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi*" (enfasi tiegħi).

4. Iżda, aħna għandna nżommu l-kmandamenti tiegħu u ngħixu skond il-Bibbja jew inkella ma nistgħux nippretendu li nkunu salvi wkoll għalkemm inkunu moralment tajba.
   a. Kornelju kien raġel devot.
   b. Hu kien jibża' minn Alla.
   c. Kien jgħin lill-batut u jitlob lil Alla dejjem (Atti 10:2).
   d. Madankollu kien għadu mhux salv.
   e. Anġlu tal-Mulej qal lil Kornelju biex jibgħat għal wieħed li jgħidlu **kliem li bih** isalva hu u l-familja tiegħu (Atti 11:13-14).

5. M'għandniex inkunu sodisfatti b'sempliċiment kull denominazzjoni.
   a. Kristu bena knisja waħda biss (Mattew 16:18).
   b. Il-Bibbja tgħidilna kif persuna ssir membru tal-knisja vera ta' Kristu.
   c. L-appostlu Pawlu kien membru ta' setta reliġjuża u meta sar jaf li hu kien fl-iżball, kien mgħammed fil-vera knisja (Atti 9; Galatin 1:13-17; 22:12-16).

6. Ħafna jkunu rriġettati li kienu jaħsbu li huma salvi (Mattew 7:22-23).

7. Ħalli ninsew dwar dak li jgħidu l-bnedmin li aħna għandna nagħmlu biex insalvaw.
   a. Wieħed għandu jdur għall-Kelma ta' Alla u jsib għalih innifsu x'tgħallem.
   b. Eżempju ta' dan insibu f'Atti 17:11

      *"Dawn il-Lhud kienu nies ta' qalb kbira aktar minn dawk ta' Tessalonika;*

*huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha,* ***u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu***.”

8. Persuna tista’ tgħaddi l-eternità fis-Smewwiet billi ssir membru tal-Knisja ta’ Kristu u tgħix il-ħajja ta’ Kristjan veru fidil.
9. Għalhekk,
   a. Aħna għandna nisimgħu l-Evanġelju (Ġwanni 3:16-18; Lhud 11:6).
   c. Għandna nindmu (Atti 17:30; Luqa 13:3).
   d. Għandna nistqarru ’l Kristu (Rumani 10:9-10).
   e. Għandna nkunu mgħammdin għall-maħfra tad-dnubiet (Atti 2:38; Rumani 6:3).
   f. Meta nagħmlu dan inkunu mgħammdin fi Kristu u fil-Knisja Tiegħu. (Galatin 3:26-27).
10. Aħna nsiru Kristjani u membri tal-Knisja fl-istess ħin li nkunu mgħammdin.
11. Lesti int li tobdi l-Kelma ta’ Alla u mhux dik tal-bnedmin billi tagħmel l-istess mistoqsija li staqsew l-appostli, u mbagħad toħroġ bl-istess konklużjoni tagħhom, jiġifieri,

    “*Għidulna intom jekk hux sewwa quddiem Alla li aħna nisimgħu aktar minn-kom milli minn Alla;…*”

    U l-konklużjoni tagħhonm kienet:

    “*(Iżda Pietru, flimkien ma’ l-appostli, wieġeb u qal: “**Jeħtieġ nobdu aktar lil***

***Alla milli 'll-bnedmin*** (Atti 4:19; 5: 25; enfasi tiegħi).

12. Il-Kelma ta' Alla tagħti dawn it-twissijiet:

"*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisim-għux*" (Efesin 5:6).

"*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu*" (Kolossin 2:8).

"*Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'ebda mod!…*" (2 Tessalonikin 2:3).

"*Il-grazzja ta' sidna Ġesù Kristu, u l-imħabba t'Alla, u x-xirka ta' l-Ispirtu s-Santu, ikunu magħkom ilkoll. Amen*" (2 Korintin 13:14).